L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

SECRET - CABINET PAPERS

MINUTI

Laqgha tal-Kabinett Nru. 13

Kastilja, 25 ta' Marzu 1977
fis-12.45 p.m.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| L-Onor Dom Mintoff | Prim Ministru - Chairman |
| L-Onor Joseph Cassar | Ministru tal-Gustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament |
| L-Onor Agatha Barbara | Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura |
| L-Onor Joseph Abela | Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu |
| L-Onor Daniel Piscopo | Ministru tat-Turizmu |
| L-Onor Lorry Sant | Ministru tax-Xoghlijiet u Sports |
| L-Onor Wistin Abela | Ministru ta' l-Izvilupp, Energija, Port u Telekommunikazzjonijiet |
| L-Onor Freddie Micallef | Ministru tal-Industriji Parastatali u tal-Poplu |
| L-Onor Patrick Holland | Ministru tal-Kummerc |
| L-Onor Vincent Moran | Ministru tas-Sahha u l-Ambjent |
| L-Onor Danny Cremona | Ministru tas-Sajd, Industrija u Agrikoltura |
| L-Onor Philip Muscat | Ministru ta' l-Edukazzjoni |

Prezenti ~~ukoll~~: Il President tar-Repubblika
u wkoll:
M. Abela
Dr. Edgar Mizzi

1. Il-Ministri approvaw il-Minuti tal-Laqghat Nri. 10, 11 u 12.

2. Il-Prim Ministru ta relazzjoni dettaljata lill-Ministri fuq dak li kien qed jigri dwar il-proposta tal-Gvern dwar l-istatus taghha ta' "non-alignment" - w l-garanziji u ghajnuna ekonomika mill-girien taghha.

/Il-Prim Ministru ....

Il-Prim Ministru kompla jinforma lill-Ministri bil-'memorandum' dwar din il materja li ntbghat lill-Gvern Taljan u li kien qed jigi kkunsidrat "at Ambassadorial level" u li jekk ma jkunx hemm twegiba definittiva minn naha tal-Gvern Taljan il-Gvern jaqbad it-triq l-ohra li jiftiehem mal-pajjizi Gharab tal-Libja u tal-Algeria.

Il-Prim Ministru informa ukoll il-Kabinett b'dak li gara fil-laqghat li kellu l'Ingilterra fl-ahhar zjara tieghu.

Il-Prim Ministru qara li-'Speaking Note' illi l-Ambaxxata Tedeska baghtet lill-Foreign Office taghna u l-ittra li s-Segretarju tal-Commonwealth u Affarijiet Barranin baghat lill-Ambaxxatur Tedesk.

Wara diskussjoni giet unanimament approvata l-linja l-gdida li l-Gvern Socjalista Malti kien behsiebu jiehu. Il-proposta ghamilha formalment il-Ministru tal-Gustizja u giet sekondata mill-Ministru tal-Industrija.

Ghaldaqstant inqara l-messagg illi l-Prim Ministru baghat lill-Prim Ministru Giulio Andreotti.

3. Il-Prim Ministru qal illi kellu "tama" kbira li l-Confederation of British Industries sejrin jghinu lill-Malta.

Fost dawk l-industriji li kienu bi hsiebhom jghinu lill-Malta ssemmew:

Id-Dowty Group of Companies
Plessey
De La Rue
Hawker Siddeley

/Intqal ....

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

Intqal ukoll illi l-Braziljani kienu ukoll interessati li jigu Malta filwaqt illi s-Saudi Arabia kienu ukoll interessati fl-izvilupp tal-port ta-Marsaxlokk.

Fis-2.45 p.m. is-seduta aggornat sine die.

.......................... ........................:

Segretarju tal-Kabinett          Chairman tal-Kabinett

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA